MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Numru.

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Dorothy Refalo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Dorothy Refalo talli f'dan il-Gzejjer, fit-22 ta' Dicembru (1999) u fix-xhur ta' qabel din id-data (1) kellha fil-pussess taghha d-droga eroina bi ksur tal-ligi, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha, u aktar talli (2) kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina bi ksur tal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-18 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet

lill-imsemmija Dorothy Refalo hatja skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha, ikkundannatha sittin (60) jum prigunerija bir-rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs "sabiex jipprovdi kull mezz ghall-kura addizzjonali li jehtigilha", dik il-qorti inoltre kkundannatha thallas l-ispejjez peritali skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, u ordnat id-distruzzjoni tad-droga u tal-oggetti esebiti taht is-supervizjoni ta' l-ispizjar Mario Mifsud;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Dorothy Refalo, minnha pprezentat fit-30 ta' Ottubru, 2002 li permezz tieghu talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellanti qed titlob li flok "rakkomandazzjoni" lid-Direttur tal-Habs din il-Qorti taghmel "ordni", fis-sens li dik il-parti tas-sentenza appellata li taqra ". . . u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex jipprovdi kull mezz ghall-kura addizjonali li jehtigilha" tigi taqra ". . . u tordna lid-direttur tal-Kabs sabiex jipprovdi  kull mezz ghall-kura addizjonali li jehtigilha".

Din il-Qorti ma tarax kif tista' tilqa' dana l-appell mhux kull ma huwa fl-interess tal-hati jew ta' l-appellant jista' jigi ordnat mill-Qorti fis-sentenza taghha.  Kull qorti – u allura anke din il-Qorti – hija marbuta bil-ligi.  l-uniku ordni ghall-kura taht il-Kap. 101 li tista' taghmel din il-Qorti hawn taht l-Artikolu 22(10) tal-imsemmi Kap. 101, u jirreferi ghal kura gewwa l-habs.  Biex isir tali ordni, pero', irid ikun hemm ic-certifikat bil-miktub tal-Ministru responsabbli mis-sahha pubblika (Art 22(10)(a)) li f'dan il-kaz ma jirrizultax mill-atti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-istess rakkomandazzjoni kif maghmula mill-ewwel qorti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------